3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***il-Kummissjoni tista’ tniedi*** sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista’ ssir promotur ta’ proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. ***Il-promoturi*** ta’ proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta’ żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta’ 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.	3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***il-Gruppi Reġjonali tat-TEN-E jistgħu jniedu*** sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista’ ssir promotur ta’ proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. ***Tali promoturi*** ta’ proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***wara li jkunu kkonsultaw lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti,*** għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta’ żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta’ 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni. ***Il-proġetti għandhom isegwu l-proċessi stabbiliti u jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fil-pjanijiet rilevanti għall-iżvilupp tan-***

network.

Or. en

Emenda 893
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, il-Kummissjoni tista' tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. ***Il-promoturi*** ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.	3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, il-Kummissjoni tista' tniedi sejħa ***mmirata*** għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla***. Tali sejħa għandha titfassal b'tali mod li tiżgura koerenza sħiħa mal-proċessi ta' ppjanar nazzjonali u Ewropej eżistenti u għandha tevita l-ħolqien ta' oqfsa ta' ppjanar paralleli***. ***Il-promoturi*** ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċess ta' tqabbil tal-ħtiġijiet għandu japplika biss għall-ħtiġijiet mhux imqabbla l-aktar kritiċi.

Emenda 894
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, il-Kummissjoni ***tista'*** tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.	3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, il-Kummissjoni ***għandha*** tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni***, flimkien ma' informazzjoni dwar il-kontribut tagħhom għall-fażijiet ta' implimentazzjoni u l-profil tal-kost skont ix-xenarju strateġiku tal-Unjoni***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li n-nuqqasijiet identifikati fl-infrastruttura jiġu indirizzati b'mod konsistenti u f'waqtu, u b'hekk jissaħħu l-effettività u l-kredibbiltà tal-qafas tal-ippjanar tal-infrastruttura tal-Unjoni. Il-ħtieġa ta' informazzjoni dwar il-fażijiet ta' implimentazzjoni u l-kostijiet tal-investiment ittejjeb ukoll it-trasparenza u tippermetti valutazzjoni aktar realistika tal-fattibbiltà u t-twettiq tal-proġetti proposti.

Emenda 895
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi	3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi

jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, il-Kummissjoni ***tista'*** tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.	jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***jew meta l-proġetti proposti ma jkunux suffiċjenti biex jindirizzaw b'mod effettiv dawk il-ħtiġijiet,*** il-Kummissjoni ***għandha*** tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 896
Christophe Grudler

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***il-Kummissjoni tista' tniedi*** sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.	3. Meta l-proċess skont il-paragrafu 2 ma jidentifikax proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla, ***il-Gruppi Reġjonali tat-TEN-E jistgħu jniedu*** sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur ta' proġett biex tipproponi proġetti li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla. Il-promoturi ta' proġetti li jkunu kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet mhux imqabbla għandhom jippreżentaw proġetti eliġibbli mill-aktar fis possibbli għall-inklużjoni fil-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali sussegwenti, fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha u fil-lista tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 897
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta tniedi sejħa għal proposti msemmija fil-Paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-finanzjament tal-proġett potenzjali, kif ukoll tiżgura l-fattibbiltà teknika u tiċċara r-responsabbiltajiet għal implikazzjonijiet tekniċi u ta' sigurtà potenzjali għall-grilji nazzjonali rilevanti u l-infrastruttura transfruntiera eżistenti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dak il-proġett.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tibqa' miftuħa għall-kwistjoni ta' kif proposta ta' proġett minn parti terza se tiġi ffinanzjata. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda ċarezza dwar kif l-impatti potenzjali fuq il-grilja għandhom jiġu indirizzati f'termini ta' responsabbiltajiet.

Emenda 898
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra ***u għandha tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar sa fejn ikunu***

ġew koperti l-ħtiġijiet mhux imqabbla, l-iskeda ta' żmien mistennija għall-kopertura tagħhom u n-nuqqas li jifdal fl-investiment. Il-Kummissjoni tista' tiżviluppa mekkaniżmu ta' inċentiv addizzjonali fejn l-ebda applikant ma jirrispondi għal sejħa għal proposti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssaħħaħ it-trasparenza u l-monitoraġġ tal-punt sa fejn il-ħtiġijiet identifikati tal-infrastruttura jiġu indirizzati b'mod effettiv, filwaqt li tippermetti lill-Kummissjoni tikkunsidra mekkaniżmi ta' inċentivi addizzjonali fejn is-sejħiet eżistenti għal proposti jonqsu milli jattiraw lill-applikanti.

Emenda 899
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra. ***Il-monitoraġġ skont dan il-paragrafu għandu jkun limitat għar-rapportar u ma għandu jinvolvi l-ebda kompetenza li tirrikjedi l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' proġetti.***

Or. en

Emenda 900
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra. ***Il-monitoraġġ skont dan il-paragrafu għandu jkun limitat għar-rapportar u ma għandu jinvolvi l-ebda kompetenza li tirrikjedi l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' proġetti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalkemm il-proposta għandha l-għan li taċċelera l-implimentazzjoni u tindirizza n-nuqqasijiet, din tippermetti livell għoli ta' intervent mill-Kummissjoni, peress li tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tinvolvi atturi esterni fit-territorju ta' Stat Membru minflok l-Istat Membru u l-promoturi tal-proġetti fejn ikun hemm dewmien fl-iżvilupp jew fil-kostruzzjoni ta' proġett PCI/PMI. B'riżultat ta' dan, jista' jitqajjem tħassib dwar is-sovranità fir-rigward tat-TSOs nazzjonali u tal-Istati Membri nfushom.

Emenda 901
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra. ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa aktar inċentivi f'każ li l-ebda proġett effettiv biżżejjed ma jiġi***

ppreżentat għal sejħa għal proposti.

Or. en

Emenda 902
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 ***u*** fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3***,*** fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra***, l-Aġenzija u l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali***.

Or. en

Emenda 903
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja*** l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u ***tinvolvi*** mill-qrib ***il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3*** u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. ***Il-Grupp TEN-E għandu jimmonitorja*** l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u ***jinvolvi*** mill-qrib ***il-Kummissjoni*** u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 904
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja*** l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u ***tinvolvi*** mill-qrib ***il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3*** u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. ***Il-Grupp TEN-E għandu jimmonitorja*** l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija fil-paragrafi 2 u 3 u ***jinvolvi*** mill-qrib ***il-Kummissjoni*** u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 905
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija ***fil-paragrafi 2 u 3*** u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.	4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-eżitu tal-proċess u l-progress tal-proġetti msemmija ***fil-paragrafu 2*** u tinvolvi mill-qrib il-Gruppi rilevanti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 3 u fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti oħra.

Or. en

Emenda 906
Tomas Tobé, François-Xavier Bellamy, Jörgen Warborn, Aura Salla, Eva Maydell, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Borys Budka, Mirosława Nykiel

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4a. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li japprovaw proġetti qabel l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 3(3)(a) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 172 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 907
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li japprovaw proġetti qabel l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 3(3)(a) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 172 tat-TFUE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li jiżdied paragrafu 5 ġdid mal-Artikolu 13 sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 172(2) tat-TFUE u l-konsistenza mal-Artikolu 3(3)(a) tal-proposta tal-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 172(2) tat-TFUE "Il-linji gwida u l-proġetti ta' interess komuni li jirrigwardaw it-territorju ta' Stat Membru partikolari għandhom ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Istat Membru interessat". Il-proposta tal-ENTSO-E tiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu l-approvazzjoni minn qabel tagħhom għall-inklużjoni ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 172(2) tat-TFUE.

Emenda 908
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Ewa Zajączkowska-Hernik, Ondřej Knotek, Jana Nagyová

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li japprovaw proġetti qabel l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 3(3)(a) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 172 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 909
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Proċess ta' tqabbil tal-ħtiġijiet fis-sistema tal-idroġenu
	Meta r-rapport ta' identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura għall-idroġenu jikkonkludi li l-proġetti ppreżentati għall-inklużjoni fil-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha ma jissodisfawx kompletament il-ħtiġijiet tal-infrastruttura identifikati skont l-Artikolu 12, il-Kummissjoni tista' tniedi proċess biex tidentifika soluzzjonijiet possibbli biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mhux imqabbla, inkluż permezz ta' miżuri mmirati ta' tneħħija tar-riskji, bħal mekkaniżmi intertemporali għall-allokazzjoni tal-kostijiet u strumenti ta' garanzija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tistabbilixxi mekkaniżmu ddedikat biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-infrastruttura fis-sistema tal-idroġenu u tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' miżuri mmirati ta' tneħħija

tar-riskji fejn l-investimenti bbażati fuq is-suq waħedhom ma jkunux biżżejjed biex jipprovdu infrastruttura strateġika tal-idroġenu fil-ħin.

Emenda 910
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. fr

Emenda 911
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punti (2) u (3) tal-Anness II, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jużaw metodoloġiji konsistenti għal kull settur għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha meta jivvalutaw proġetti għall-inklużjoni tagħhom fil-pjanijiet ta' 10 snin rispettivi tagħhom għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.	1. Għall-proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punti (2) u (3) tal-Anness II, l-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jużaw metodoloġiji konsistenti għal kull settur għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha meta jivvalutaw proġetti għall-inklużjoni tagħhom fil-pjanijiet ta' 10 snin rispettivi tagħhom għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 912
Jorge Martín Frías

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ċentrali msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	***imħassar***

Or. en

Emenda 913
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ***ċentrali*** msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV ***u jikkontribwixxu biex tiġi żgurata r-reżiljenza għar-riskji eżistenti u emerġenti identifikati fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li l-metodoloġiji jqisu r-reżiljenza tas-sistema u r-riskji emerġenti, u b'hekk jappoġġjaw sistema tal-enerġija aktar sigura u adattabbli madwar l-Unjoni.

Emenda 914
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti ***mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju*** ċentrali msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	(c) ikunu konsistenti ***max-xenarju*** ċentrali msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;

Or. en

Emenda 915
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ***ċentrali msemmi*** fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ***ewlieni, ix-xenarji u s-sensittivitajiet alternattivi tagħha msemmija*** fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mat-tibdiliet proposti għall-Artikolu 11.

Emenda 916
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-	(c) ikunu konsistenti ***mal-prijoritajiet***

enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ċentrali msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	***reġjonali,*** mal-miri ***strateġiċi*** tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u x-xenarju ċentrali msemmi fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;

Or. ro

Emenda 917
András Gyürk, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u ***x-xenarju ċentrali msemmi*** fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;	(c) ikunu konsistenti mal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni u l-objettiv tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 u ***x-xenarji msemmija*** fl-Artikolu 11, kif ukoll mar-regoli u l-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV;

Or. en

Emenda 918
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jinkludu kalkoli dwar l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ ta' proġett, kif ukoll impatti ambjentali jew soċjetali oħra, inklużi l-użu tal-art, l-użu u l-protezzjoni tar-riżorsi, inklużi l-ilma, it-trattament tal-iskart u l-użu akbar ta' materja prima u sekondarja, il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis, il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, u jqisu l-kwalità tal-arja;

Or. en

Emenda 919
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili;	(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili ***u, fejn rilevanti, teknoloġiji ta' trażmissjoni innovattivi, inklużi superkondutturi u kondutturi fl-għoli avvanzati***;

Or. en

Emenda 920
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili***;***	(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili ***u tal-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rispons tad-domanda u, fejn rilevanti, teknoloġiji innovattivi ta' trażmissjoni u ta' ottimizzazzjoni tal-grilja.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ qafas ta' valutazzjoni usa' biex jiġu evitati investimenti infrastrutturali bla bżonn u biex jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet ta' flessibbiltà, min-naħa tad-domanda u ta' ottimizzazzjoni tal-grilja jitqiesu kif xieraq flimkien mal-espansjoni tradizzjonali tan-network.

Emenda 921
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili;	(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili ***bbażata fuq analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett u theddid possibbli għas-sigurtà tan-network***;

Or. en

Emenda 922
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili;	(d) jippermettu l-valutazzjoni ta' pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18 u, fis-settur tal-elettriku, il-kunsiderazzjoni ta' soluzzjonijiet mingħajr fili ***bbażata fuq analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett u theddid possibbli għas-sigurtà tan-network***;

Or. en

Emenda 923

Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jadottaw approċċ transsettorjali.	(e) jadottaw approċċ transsettorjali ***u jiżguraw koerenza metodoloġika bejn l-elettriku, l-idroġenu u l-elettrolizzaturi***.

Or. en

Emenda 924
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jinkludu mill-inqas indikatur kwantitattiv wieħed li jkejjel il-benefiċċju soċjoekonomiku nett ġenerali ta' kull proġett jew grupp ta' proġetti, li jaqbad l-impatti tas-sistema kollha u dawk speċifiċi għas-settur, inklużi l-interazzjonijiet transsettorjali bejn is-setturi tal-elettriku, tal-idroġenu u tal-gass, u li jiżgura l-koerenza metodoloġika u l-komparabbiltà bejn il-kategoriji tal-infrastruttura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The introduction of at least one synthetic quantitative indicator reflecting the overall net socio-economic benefit is intended to enhance the transparency, consistency and predictability of the application of the CBA methodology to PCI projects. Recent experience has shown that the absence of an aggregated indicator may lead to fragmented and difficult-to-verify assessments, particularly for hydrogen projects, whose benefits are distributed across several sectors, including electricity, gas and industrial decarbonisation. In certain cases, strategic projects have been excluded on the basis of assessments that lacked sufficient transparency or adequate justification. The introduction of an overall net benefit indicator

would ensure greater comparability across infrastructure categories and reduce the risk of exclusions resulting from inconsistent methodological interpretations.

Emenda 925
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jivvalutaw, għal kull proġett u pakkett ta' proġetti, il-kontribut għall-fażi ta' implimentazzjoni rilevanti skont ix-xenarju strateġiku tal-Unjoni u jirriflettu l-immappjar tan-network u l-kostijiet indikattivi tal-investiment stabbiliti skont l-Artikolu 11.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa valutazzjoni ċara tal-kontribut tal-proġetti u tal-pakketti ta' proġetti għall-fażijiet ta' implimentazzjoni rilevanti biex tiġi żgurata l-konsistenza max-xenarju strateġiku tal-Unjoni u evalwazzjoni aktar realistika tal-ħtiġijiet ta' investiment fl-infrastruttura.

Emenda 926
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO	3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni ***mal-Pjanifikatur,*** mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra***. L-ESABCC jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jippreżenta opinjoni dwar l-***

għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.

abbozz preliminari tal-metodoloġiji qabel il-finalizzazzjoni tagħhom, dwar jekk l-abbozz tal-metodoloġija jagħtix piż adegwat lill-kunsiderazzjonijiet klimatiċi. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni***, u jipprovdu raġunijiet meta ma jqisux, b'mod sħiħ jew parzjali, il-kummenti riċevuti matul il-proċess ta' konsultazzjoni jew, fejn disponibbli, l-opinjoni tal-ESABCC***.

Or. en

Emenda 927
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu ***u*** trasparenti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom ***iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni***.	3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu***,*** trasparenti ***u strutturat***. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENNOH għandhom ***jippubblikaw id-dokumentazzjoni ta' sfond rilevanti kollha, inklużi s-suppożizzjonijiet, u għandhom jiddokumentaw kif tqies il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Analiżi armonizzata, trasparenti u robusta tal-Kostbenefiċċji hija kruċjali biex jiġu vvalutati l-proġetti ta' infrastruttura Ewropej. Il-pubblikazzjoni ta' data, mudelli u riżultati u parteċipazzjoni strutturata tal-partijiet ikkonċernati se jżidu l-kwalità u l-leġittimità.

Emenda 928
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.	3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO***, mal-promoturi tal-proġetti*** u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti***, u għandu jitwettaq fuq perjodu minimu ta' 8 ġimgħat***. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The methodology developed by the ENTSO for Electricity and the ENNOH constitutes the cornerstone of the assessment of candidate PCIs and PMIs and has direct consequences for the eligibility of projects for Union financial assistance. Its preparation should therefore benefit from broad and well-informed input from the parties most directly concerned by its application. Project promoters are routinely required to apply the methodology to their own projects and are well placed to identify practical issues, data gaps and modelling assumptions that may otherwise escape notice. Their explicit inclusion among the consulted stakeholders gives formal recognition to a contribution that is in practice indispensable. Setting a minimum consultation period of eight weeks aligns this exercise with the timeframes typically applied to consultations of comparable technical complexity at Union level. The provision is purely procedural and does not interfere with the respective competences of the ENTSO for Electricity, the ENNOH or the Agency.

Emenda 929
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.	3. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw abbozzi preliminari tal-metodoloġiji għall-fini tal-konsultazzjoni mal-Entità tal-UE għad-DSO, u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Il-proċess ta' konsultazzjoni għandu jkun miftuħ, f'waqtu u trasparenti. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iħejju u jippubblikaw rapport dwar il-proċess ta' konsultazzjoni.

Or. en

Emenda 930
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozzi tal-metodoloġiji tagħhom lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. ***L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet meta ma jkunux qiesu l-kummenti mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet nazzjonali, jew minn partijiet ikkonċernati oħra, jew meta jkunu qisuhom biss parzjalment. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw*** l-ewwel abbozzi tagħhom tal-metodoloġiji konsistenti għal kull settur ***lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija*** sa Diċembru 2027.	4. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozzi tal-metodoloġiji tagħhom lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni***, lill-Pjanifikatur*** u lill-Aġenzija. L-ewwel abbozzi tal-metodoloġiji konsistenti għal kull settur ***għandhom jiġu ppubblikati u ppreżentati*** sa Diċembru 2027.

Or. en

Emenda 931
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozzi tal-metodoloġiji tagħhom lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet meta ma jkunux qiesu l-kummenti mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet nazzjonali, jew minn partijiet ikkonċernati oħra, jew meta jkunu qisuhom biss parzjalment. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-ewwel abbozzi tagħhom tal-metodoloġiji konsistenti għal kull settur lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija sa Diċembru 2027.	4. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozzi tal-metodoloġiji tagħhom lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jipprovdu raġunijiet meta ma jkunux qiesu l-kummenti mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet nazzjonali, jew minn partijiet ikkonċernati oħra, jew meta jkunu qisuhom biss parzjalment. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-ewwel abbozzi tagħhom tal-metodoloġiji konsistenti għal kull settur lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija sa Diċembru 2027.

Or. en

Emenda 932
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, l-Aġenzija ***u*** l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat	5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, l-Aġenzija ***għandha tivvaluta l-konformità tagħhom ma' dan l-Artikolu u mal-Anness V u tista' titlob emendi meta dan ikun debitament ġustifikat.*** L-Istati Membri

speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.	jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rwol b'saħħtu tal-ACER fil-valutazzjoni tal-abbozzi tal-metodoloġiji huwa kruċjali biex jiġi ggarantit livell għoli ta' kwalità u jiġi evitat il-preġudizzju.

Emenda 933
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, ***l-Aġenzija*** u l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH u ***lill-Kummissjoni***. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.	5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, ***il-Pjanifikatur, il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH u ***lill-Aġenzija***. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.

Or. en

Emenda 934
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, ***l-Aġenzija*** u l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-	5. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-abbozzi tal-metodoloġiji, ***il-Kummissjoni*** u l-Istati Membri jistgħu jagħtu l-opinjonijiet tagħhom lill-ENTSO għall-

ENNOH u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.	Elettriku u lill-ENNOH u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' torganizza laqgħat speċifiċi tal-Gruppi biex jiddiskutu l-abbozzi tal-metodoloġiji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-livell nazzjonali, huwa l-kompitu tal-korpi regolatorji li jirrieżaminaw il-metodoloġiji tas-CBA minħabba l-għarfien espert tekniku u l-indipendenza politika tagħhom, li jiggarantixxi li deċiżjoni teknika (li tistabbilixxi metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-proġetti proposti) ma tkunx influwenzata mill-iżviluppi politiċi. B'mod simili, fil-livell tal-UE huwa xieraq li l-ACER tiġi fdata b'setgħat komparabbli u li l-Kummissjoni tiġi kkonsultata bir-reqqa matul il-proċess kollu.

Emenda 935
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-opinjonijiet ***tal-Aġenzija*** u tal-Istati Membri, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jemendaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom biex iqisu bis-sħiħ l-opinjonijiet ***tal-Aġenzija*** u tal-Istati Membri u jippreżentawhom ***lill-Kummissjoni*** għall-approvazzjoni tagħha.	6. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-opinjonijiet ***tal-Kummissjoni*** u tal-Istati Membri, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jemendaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom biex iqisu bis-sħiħ l-opinjonijiet ***tal-Kummissjoni*** u tal-Istati Membri u jippreżentawhom ***lill-Aġenzija*** għall-approvazzjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 936
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-opinjonijiet ***tal-Aġenzija*** u tal-Istati Membri, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jemendaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom biex iqisu bis-sħiħ l-opinjonijiet ***tal-Aġenzija u tal-Istati Membri*** u jippreżentawhom ***lill-Kummissjoni*** għall-approvazzjoni tagħha.	6. Fi żmien 3 xhur minn meta jirċievu l-opinjonijiet ***tal-Pjanifikatur, tal-Kummissjoni*** u tal-Istati Membri, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jemendaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom biex iqisu bis-sħiħ ***dawk*** l-opinjonijiet u jippreżentawhom ***lill-Aġenzija*** għall-approvazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 937
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fi żmien ***3*** xhur minn meta ***tirċievi*** l-metodoloġiji rispettivi, ***il-Kummissjoni*** għandha ***toħroġ id-deċiżjoni tagħha***.	7. ***L-Aġenzija għandha tapprova jew temenda l-metodoloġiji proposti*** fi żmien ***6*** xhur minn meta ***tirċevihom***. ***L-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-ENTSO għall-Elettriku jew lill-ENNOH qabel ma tapprova jew temenda*** l-metodoloġiji ***proposti*** rispettivi ***tagħhom, u tipprovdi r-raġunijiet meta tagħmel emendi addizzjonali. L-Aġenzija*** għandha ***tippubblika l-metodoloġiji approvati jew emendati fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regolaturi nazzjonali diġà għandhom esperjenza sinifikanti fit-tfassil jew fir-rieżami tal-metodoloġiji tas-CBA għall-valutazzjoni tal-proġetti. Għalhekk, huwa propost li l-ACER tiġi fdata b'setgħat komparabbli fil-livell tal-UE, b'setgħat komparabbli biex tiskrutinizza metodoloġija teknika għall-valutazzjoni tal-vijabbiltà tal-proġetti billi tqabbel il-kostijiet u l-benefiċċji mistennija, meta jitqies li l-ACER hija korp aktar tekniku mill-Kummissjoni.

Emenda 938
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-metodoloġiji rispettivi, il-Kummissjoni*** għandha ***toħroġ id-deċiżjoni tagħha***.	7. ***L-Aġenzija għandha tapprova jew titlob emenda tal-metodoloġiji fi żmien sitt xhur minn meta tirċevihom, wara konsultazzjoni mal-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH, u*** għandha ***tipprovdi raġunijiet għal kwalunkwe emenda***. ***L-Aġenzija, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw il-metodoloġiji fuq is-siti web tagħhom fi żmien ġimagħtejn wara li l-Aġenzija tkun approvathom jew emendathom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 939
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-metodoloġiji rispettivi, ***il-Kummissjoni*** għandha toħroġ ***id-deċiżjoni tagħha***.	7. Fi żmien 3 xhur minn meta tirċievi l-metodoloġiji rispettivi, ***l-Aġenzija*** għandha ***tivvaluta l-metodoloġiji u*** toħroġ ***deċiżjoni motivata li tapprovahom jew tirrikjedi emendi fejn ikun debitament ġustifikat***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rwol b'saħħtu tal-ACER fil-valutazzjoni tal-abbozzi tal-metodoloġiji huwa kruċjali biex jiġi ggarantit livell għoli ta' kwalità u jiġi evitat il-preġudizzju.

Emenda 940
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk il-Kummissjoni tirrifjuta l-abbozz tal-metodoloġija, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH rispettivament għandhom jirrevedu l-abbozz tal-metodoloġija u jerġgħu jippreżentawh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 941
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Jekk il-Kummissjoni tirrifjuta l-abbozz tal-metodoloġija, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH rispettivament għandhom jirrevedu l-abbozz tal-metodoloġija u jerġgħu jippreżentawh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 942
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom fuq is-siti elettroniċi tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 943
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni mill-Kummissjoni, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom fuq is-siti elettroniċi tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 944
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.	10. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati***, u tista' titlob aġġornamenti tal-metodoloġiji meta dan ikun meħtieġ biex tiżgura r-rilevanza u r-robustezza kontinwi tagħhom***. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rwol b'saħħtu tal-ACER fil-valutazzjoni tal-abbozzi tal-metodoloġiji huwa kruċjali biex jiġi ggarantit livell għoli ta' kwalità u jiġi evitat il-preġudizzju.

Emenda 945
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni ***u*** l-Aġenzija ***jistgħu jitolbu*** lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux	10. ***Mal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Pjanifikatur jew*** il-Kummissjoni***,*** l-Aġenzija ***tista' titlob*** lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li

kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.	tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.

Or. en

Emenda 946
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. ***Il-Kummissjoni*** u l-Aġenzija ***jistgħu jitolbu*** lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.	10. ***Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti*** u ***mal-Kummissjoni,*** l-Aġenzija ***tista' titlob*** lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 947
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

10. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu lill-ENTSO għall-Elettriku u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.	10. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu lill-ENTSO għall-Elettriku***, lill-ENTSO għall-Gass*** u lill-ENNOH, kif applikabbli, biex jaġġornaw il-metodoloġiji tagħhom u jistabbilixxu skeda ta' żmien. L-Aġenzija tista' taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess, jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet ikkonċernati. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet li tirċievi u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li fuqhom tkun ibbażata t-talba tagħha.

Or. en

Emenda 948
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità ***mal-proċedura*** ta' approvazzjoni ***skont il-paragrafi 3 sa 9 meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jitolbu dan***.	11. ***Meta l-Aġenzija tirrikjedi aġġornament skont il-paragrafu***, l-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità ***ma' proċedura*** ta' approvazzjoni ***simplifikata definita mill-Aġenzija, u jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha filwaqt li jżommu t-trasparenza u jiżguraw il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Rwol b'saħħtu tal-ACER fil-valutazzjoni tal-abbozzi tal-metodoloġiji huwa kruċjali biex jiġi ggarantit livell għoli ta' kwalità u jiġi evitat il-preġudizzju.

Emenda 949

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni skont il-paragrafi 3 sa 9 meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jitolbu dan.	11. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni skont il-paragrafi 3 sa 9 meta l-Aġenzija jew il-Kummissjoni jitolbu dan.

Or. en

Emenda 950
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni skont ***il-paragrafi 3 sa 9*** meta l-Aġenzija ***jew il-Kummissjoni jitolbu*** dan.	11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni skont ***il-paragrafu*** meta l-Aġenzija ***titlob*** dan.

Or. en

Emenda 951
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni ***skont il-paragrafi 3 sa 9*** meta l-Aġenzija ***jew il-Kummissjoni jitolbu*** dan.	11. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji konsistenti għal kull settur f'konformità mal-proċedura ta' approvazzjoni ***prevista f'dan l-Artikolu*** meta l-Aġenzija ***titlob*** dan.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-emenda fil-paragrafu 5.

Emenda 952
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija rilevanti u d-data tas-suq. Din id-data għandha ***tiġi ppubblikata f'forma akkurata*** biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità. ***Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-data li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq f'isimhom xogħol analitiku abbażi ta' dik id-data.***	12. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija rilevanti u d-data tas-suq ***f'format li jinqara diġitalment***. Din id-data għandha ***tkun dettaljata*** biżżejjed ***biex tippermetti skrutinju u replikazzjoni sinifikattivi tal-analiżijiet,*** soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità.

Or. en

Emenda 953
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija rilevanti u d-data tas-suq. Din id-data għandha tiġi ppubblikata f'forma akkurata biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-data li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq f'isimhom xogħol analitiku abbażi ta' dik id-data.	12. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija rilevanti u d-data tas-suq***, u l-kostijiet tal-proġett***. Din id-data għandha tiġi ppubblikata f'forma akkurata biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-data li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq f'isimhom xogħol analitiku abbażi ta' dik id-data.

Or. en

Emenda 954
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija rilevanti u d-data tas-	12. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jippubblikaw, fil-kuntest ta' kull pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, id-data tal-input aġġornata rilevanti għall-applikazzjoni tal-metodoloġiji, inkluż il-metodi tal-kalkoli, il-mudelli tan-network, il-fluss tat-tagħbija

suq. Din id-data għandha tiġi ppubblikata f'forma akkurata biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-data li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq f'isimhom xogħol analitiku abbażi ta' dik id-data.	rilevanti u d-data tas-suq. Din id-data għandha tiġi ppubblikata f'forma akkurata biżżejjed soġġett għal restrizzjonijiet skont id-dritt nazzjonali u ftehimiet rilevanti ta' kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tad-data li tasal għandhom u għand kwalunkwe parti li twettaq f'isimhom xogħol analitiku abbażi ta' dik id-data.

Or. en

Emenda 955
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 13 jintroduċi kompetenza assenjata lill-ENTSO-E u lill-ENNOH li tmur lil hinn mill-mandat stabbilit skont il-qafas regolatorju attwali u tista' tikkoinċidi mar-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (ARN), b'mod partikolari fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tal-proġetti abbażi tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji fost l-Istati Membri involuti. L-għoti ta' tali setgħat evalwattivi lill-ENTSO-E u lill-ENNOH jista' jantiċipa jew jinfluwenza deċiżjonijiet regolatorji li għandhom jibqgħu prerogattiva esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali indipendenti.

Emenda 956
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu 13 jintroduċi kompetenza assenjata lill-ENTSO-E u lill-ENNOH li tmur lil hinn mill-mandat stabbilit skont il-qafas regolatorju attwali u tista' tikkoinċidi mar-responsabbiltajiet tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali (ARN), b'mod partikolari fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tal-proġetti abbażi tad-distribuzzjoni tal-benefiċċji fost l-Istati Membri involuti. L-għoti ta' tali setgħat evalwattivi lill-ENTSO-E u lill-ENNOH jista' jantiċipa jew jinfluwenza deċiżjonijiet regolatorji li għandhom jibqgħu prerogattiva esklużiva tal-awtoritajiet nazzjonali indipendenti.

Emenda 957
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw, bħala parti mill-pjan ta' 10	13. L-ENTSO għall-Elettriku***, l-ENTSO għall-Gass*** u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw,

snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.	bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.

Or. en

Emenda 958
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
13. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.	13. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jikkalkulaw u jippubblikaw, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, ir-riżultati tal-analiżijiet tal-kostbenefiċċji għall-proġetti kollha, biex juru kif il-benefiċċji huma distribwiti mal-pajjiżi. Dawn għandhom jinkludu l-benefiċċji ***grossi u netti*** kemm għall-pajjiżi ospitanti kif ukoll għall-pajjiżi mhux ospitanti li jibbenefikaw mill-proġett rispettiv.

Or. en

Emenda 959
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

13a. Qabel ma r-riżultati tal-analiżi tal-kostbenefiċċji jintbagħtu formalment għall-fini tat-tfassil tal-lista tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-promoturi tal-proġetti u l-Istati Membri kkonċernati jingħataw perjodu ta' mhux inqas minn sitt ġimgħat biex jirrieżaminaw il-parametri, il-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet speċifiċi għall-proġett li jirfdu l-valutazzjoni, u biex jippreżentaw il-kummenti ta' natura fattwali jew teknika. Meta tali kummenti ma jkunux riflessi fir-riżultati finali, il-Kummissjoni u l-ENTSO għall-Elettriku jew, meta applikabbli, l-ENNOH, għandhom jipprovdu spjegazzjoni li tistabbilixxi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' inklużjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Whereas the Regulation organises in some detail the development of the cost-benefit analysis methodology, it remains essentially silent on how that methodology is subsequently applied to individual projects. Yet the choices made at this latter stage — concerning input datasets, scenarios, modelling assumptions and project-specific parameters — are precisely those most likely to determine whether a project meets the thresholds required for inclusion on the Union list. Project promoters and Member States are best placed to detect errors in input data and to flag assumptions that do not adequately capture project-specific circumstances. A six-week review window, combined with an obligation on the Commission and the ENTSOs to provide reasons whenever observations are not taken on board, offers a proportionate safeguard against material errors without altering the allocation of decision-making powers under the Regulation.

Emenda 960
Annalisa Corrado, Giorgio Gori

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13a. Qabel it-trażmissjoni finali tar-riżultati tal-analiżi tal-kostbenefiċċji għall-finijiet tal-istabbiliment tal-lista tal-Unjoni, il-promoturi tal-proġetti u l-Istati

Membri kkonċernati għandhom jingħataw perjodu ta' mhux inqas minn tliet ġimgħat biex jeżaminaw id-data tal-input speċifika għall-proġett u s-suppożizzjonijiet ta' mmudellar applikati, u biex jippreżentaw osservazzjonijiet fattwali jew metodoloġiċi. L-ENTSO għall-Elettriku jew l-ENNOH, kif applikabbli, u l-Kummissjoni għandhom iqisu kif xieraq dawn l-osservazzjonijiet u għandhom jipprovdu spjegazzjoni motivata bil-miktub meta ma jkunux riflessi fil-valutazzjoni finali.

Or. en

Emenda 961
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	13b. L-Aġenzija għandha, bħala parti mir-rieżami regolari tagħha tal-metodoloġiji tal-analiżi tal-kostbenefiċċji, timmonitorja u tippubblika valutazzjoni perjodika tad-distribuzzjoni ġeografika tal-eżiti tal-valutazzjoni tal-proġett u l-kontribut tagħhom għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The introduction of periodic monitoring by the Agency on the geographical distribution of CBA assessment outcomes is intended to strengthen the transparency and overall balance of the PCI project selection process. The application of cost-benefit analysis methodologies may produce differentiated effects across Member States or regions of the Union. In the absence of a structured monitoring mechanism, such effects may result in a systematic concentration of selected projects in specific areas. Providing for a periodic assessment by the Agency would not affect the technical selection criteria, but would make it possible to verify the neutrality and territorial balance of the methodology applied, also in light of the Union's cohesion objectives.

Emenda 962
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. Għall-proġetti li jaqgħu fil-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (1)(g) u fil-punt (4) tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iżvilupp ta' metodoloġiji għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha fil-livell tal-Unjoni. Dawk il-metodoloġiji għandhom ikunu kompatibbli f'termini ta' benefiċċji u kostijiet mal-metodoloġiji żviluppati mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH. Il-metodoloġiji għandhom jiġu żviluppati b'mod trasparenti, u jinkludu konsultazzjoni estensiva mal-Aġenzija, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.	14. Għall-proġetti li jaqgħu fil-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (1)(g) u fil-punt (4) tal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-iżvilupp ta' metodoloġiji għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha fil-livell tal-Unjoni. Dawk il-metodoloġiji għandhom ikunu kompatibbli f'termini ta' benefiċċji u kostijiet mal-metodoloġiji żviluppati mill-ENTSO għall-Elettriku***, mill-ENTSO għall-Gass*** u mill-ENNOH. Il-metodoloġiji għandhom jiġu żviluppati b'mod trasparenti, u jinkludu konsultazzjoni estensiva mal-Aġenzija, mal-Istati Membri***, mal-entità tal-UE għad-DSO*** u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Or. en

Emenda 963
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-	***imħassar***

infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The reference values published by ACER serve as indicative benchmark and may, in specific instances, lack the accuracy or representativeness required for robust appraisal. Such values are generally based on limited samples that are not fully representative of the variety of projects implemented across Member States, creating the risk of distorted or non-meaningful benchmarks.This approach would introduce an asymmetry between analyses carried out at European level and those conducted at national level, which are typically based on more granular data and better reflect local circumstances. This could ultimately generate divergences between ENTSO-E assessments and the evaluations used within Member States' regulatory and decision-making processes. Consequently, within CBAs, such benchmarks shall not, in any event, prevail over or replace the project cost figures submitted by the sponsoring TSO.

Emenda 964
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-	***imħassar***

Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The reference values published by ACER serve as indicative benchmark and may, in specific instances, lack the accuracy or representativeness required for robust appraisal.Such values are generally based on limited samples that are not fully representative of the variety of projects implemented across Member States, creating the risk of distorted or non-meaningful benchmarks.This approach would introduce an asymmetry between analyses carried out at European level and those conducted at national level, which are typically based on more granular data and better reflect local circumstances. This could ultimately generate divergences between ENTSO-E assessments and the evaluations used within Member States' regulatory and decision-making processes. Consequently, within CBAs, such benchmarks shall not, in any event, prevail over or replace the project cost figures submitted by the sponsoring TSO.

Emenda 965
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.	15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti***, l-operaturi tas-sistema u l-investituri li kkummissjonaw proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura inklużi fl-Anness II u l-gass, irrispettivament minn jekk tali proġetti humiex inklużi fil-lista tal-Unjoni,*** għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-

	Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi żgurat li l-ACER u l-ARN ikollhom l-aktar data kompluta u aġġornata biex iwettqu dmirijiethom, dawn għandhom jirċievu data dwar il-proġetti rilevanti kollha, irrispettivament minn jekk humiex inklużi fil-lista tal-Unjoni.

Emenda 966
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull ***sentejn***, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.	15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull ***tliet snin***, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet ***u operazzjonali*** għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti***, l-operaturi tas-sistemi u l-investituri li jkunu kkummissjonaw proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura identifikati fl-Anness II*** għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 967
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.	15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza***, flimkien mal-metodoloġija stabbilita tas-CBA tal-ENTSO-E,*** jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 968
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-	15. Minn [April 2028] 'il quddiem u kull sentejn, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi u tippubblika sett ta' indikaturi u valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-investiment fl-unitajiet għall-proġetti komparabbli tal-

kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.	kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija inklużi fl-Anness II. Il-promoturi tal-proġetti għandhom jipprovdu d-data mitluba lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-Aġenzija. Dawk il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO għall-Elettriku***, mill-ENTSO għall-Gass*** u mill-ENNOH għall-analiżijiet tal-kostbenefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 969
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	15a. L-analiżi tal-kostbenefiċċji (CBA) għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-benefiċċji kollha pprovduti mill-ħżin tal-idroġenu, lil hinn mill-interkonnessjoni, inkluż f'termini ta' żieda fir-reżiljenza, il-flessibbiltà u s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li tippromwovi integrazzjoni aktar effiċjenti tal-elettriku rinnovabbli u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn is-sistemi tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu, inkluż permezz ta' indikaturi dinamiċi u simulazzjonijiet dettaljati b'riżoluzzjoni fis-siegħa li tirrifletti x-xejriet li qed jevolvu tad-domanda għall-idroġenu, il-varjabbiltà fil-klima u l-kontribut tal-ħżin tal-idroġenu għas-sigurtà tal-enerġija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ħżin tal-idroġenu jista' jipprovdi benefiċċji sinifikanti għas-sistema lil hinn mill-interkonnessjoni waħedha, b'mod partikolari f'termini ta' flessibbiltà, reżiljenza u sigurtà tal-

provvista. Għalhekk, dawk il-benefiċċji għandhom jiġu riflessi b'mod adegwat fil-metodoloġija tal-analiżi tal-kostbenefiċċji biex jiġu appoġġjati deċiżjonijiet aktar akkurati dwar l-ippjanar tal-infrastruttura u l-investiment.

Emenda 970
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Analiżi tal-kostbenefiċċji tas-sistemi tal-enerġija kollha
	1. L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom jiżviluppaw, kull wieħed għas-setturi fil-kompetenza tagħhom, metodi settorjali armonizzati għall-analiżi tal-kostbenefiċċji tal-proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni. Dawn il-metodi għandhom jiżguraw il-komparabbiltà tal-proġetti, filwaqt li jqisu bis-sħiħ l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, l-għażliet tat-taħlita tal-enerġija tal-Istati Membri, ir-restrizzjonijiet tekniċi speċifiċi għal kull network, kif ukoll il-ħtiġijiet identifikati fil-pjanijiet nazzjonali għall-iżvilupp tan-network.
	2. L-analiżi tal-kostbenefiċċji għandha tinkludi l-kostijiet diretti u indiretti kollha relatati mal-proġett, inklużi l-kostijiet tat-tisħiħ tan-networks interni, il-kostijiet tal-istabbiltà tas-sistema, is-sigurtà tal-provvista, il-ġestjoni tal-konġestjonijiet, il-kostijiet tar-riżerva u l-effetti prevedibbli fuq it-tariffi tal-użu tan-network. Il-metodi armonizzati ma jistax ikollhom l-effett li direttament jew indirettament jimponu bidliet fit-taħlita tal-enerġija, fl-ippjanar tal-infrastruttura nazzjonali jew fil-prijoritajiet ta' investiment tal-Istati Membri, u lanqas li jippreġudikaw id-deċiżjonijiet rilevanti tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tal-awtoritajiet

regolatorji nazzjonali.

(Jissostitwixxi l-Artikolu 14)

Or. fr

Emenda 971
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Kapitolu V

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. fr

Emenda 972
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jaġġornaw il-ftehim mhux vinkolanti biex jikkooperaw fuq l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar sal-2030, l-2040 u l-2050, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, u mal-potenzjal ta' enerġija ***rinnovabbli fuq il-baħar*** ta' kull baċir tal-baħar. Il-ftehim għandu jinkludi għanijiet ta' idroġenu minn enerġija rinnovabbli fuq il-baħar kif applikabbli.	Sa [fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jaġġornaw il-ftehim mhux vinkolanti biex jikkooperaw fuq l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar sal-2030, l-2040 u l-2050, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, u mal-potenzjal ta' enerġija ta' kull baċir tal-baħar ***biex jiġġenera enerġija rinnovabbli fuq il-baħar, li tista' tiġi introdotta malajr fis-sistemi nazzjonali b'mod proporzjonat għall-istati parteċipanti individwali, mingħajr ma tirriżulta fi trattament mhux***

	ugwali bejn l-istati sħab. Il-ftehim għandu jinkludi għanijiet ta' idroġenu minn enerġija rinnovabbli fuq il-baħar kif applikabbli.

Or. ro

Emenda 973
Seán Kelly

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jaġġornaw il-ftehim mhux vinkolanti biex jikkooperaw fuq l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar sal-2030, l-2040 u l-2050, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, u mal-potenzjal ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar ta' kull baċir tal-baħar. Il-ftehim ***għandu*** jinkludi għanijiet ta' idroġenu minn enerġija rinnovabbli fuq il-baħar ***kif applikabbli***.	Sa [fi żmien 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jaġġornaw il-ftehim mhux vinkolanti biex jikkooperaw fuq l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar sal-2030, l-2040 u l-2050, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, u mal-potenzjal ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar ta' kull baċir tal-baħar. Il-ftehim ***jista'*** jinkludi għanijiet ta' idroġenu minn enerġija rinnovabbli fuq il-baħar ***fejn kosteffettiv***.

Or. en

Emenda 974
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bħala parti mill-ftehimiet mhux vinkolanti,	Bħala parti mill-ftehimiet mhux vinkolanti,

l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, għandhom jikkunsidraw ukoll jekk jenħtieġx li jiġu stabbiliti għanijiet transfruntieri speċifiċi, bħal għal proġetti ibridi jew radjali transfruntieri, bejn żewġ Stati Membri jew aktar fil-pjanijiet nazzjonali rispettivi tagħhom dwar l-enerġija u l-klima bl-għan li jintlaħqu l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar bl-aktar mod effiċjenti.	l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijoritarji speċifiċi tagħhom tal-grilja fuq il-baħar, stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I, għandhom jikkunsidraw ukoll jekk jenħtieġx li jiġu stabbiliti għanijiet transfruntieri speċifiċi, bħal għal proġetti ibridi jew radjali transfruntieri, bejn żewġ Stati Membri jew aktar fil-pjanijiet nazzjonali rispettivi tagħhom dwar l-enerġija u l-klima bl-għan li jintlaħqu l-għanijiet għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli fuq il-baħar li jridu jiġu implimentati f'kull baċir tal-baħar bl-aktar mod effiċjenti***, mingħajr ma jirriżultaw fi trattament mhux ugwali bejn l-istati sħab***.

Or. ro

Emenda 975
François-Xavier Bellamy, Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra	***imħassar***

tal-baħar.

Or. en

Emenda 976
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku***,*** bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku ***u n-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-Idroġenu (ENNOH)*** bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw ***b'mod konġunt***, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar. ***L-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH għandhom iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont dan l-Artikolu f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' xulxin, b'mod koordinat u bħala sħab ugwali.***

Or. en

Emenda 977
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, ***u, fejn rilevanti n-Network Ewropew tal-Operaturi ta' Network għall-Idroġenu (ENNOH) u l-HTNOs, kif ukoll*** l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar. ***L-ENTSO għall-Elettriku għandu jqis il-kontributi rilevanti pprovduti mill-ENNOH biex iwettaq il-kompiti assenjati lilu skont dan l-Artikolu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ENNOH għandu jiġi kkonsultat għall-pjanijiet tal-iżvilupp lil hinn mill-kosta.

Emenda 978
Bruno Tobback, Nicolás González Casares, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment ***tal-erba' Gruppi ta' Livell Għoli,*** tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.

Or. en

Emenda 979
Tsvetelina Penkova, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Matthias Ecke, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, ***u l-ENNOH*** bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw ***b'mod konġunt***, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network

baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.

Or. en

Emenda 980
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull ***4 snin*** wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull ***sentejn*** wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH***, bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw ***b'mod konġunt***, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa aġġornamenti aktar frekwenti biex jirriflettu l-iżvilupp li qed jevolvi malajr tal-infrastruttura tal-elettriku u tal-idroġenu lil hinn mill-kosta u biex jiġi żgurat ippjanar ikkoordinat fil-baċiri tal-baħar kollha.

Emenda 981
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.	Sa [fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ], u kull 4 snin wara dan, bħala parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network sussegwenti, l-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, ***l-Aġenzija u*** l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u f'konformità mal-ftehim mhux vinkolanti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw, bħala rapport separat li jkun parti mill-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha, pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għal kull baċir tal-baħar, f'konformità mal-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar imsemmija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-protezzjoni ambjentali u użi oħra tal-baħar.

Or. en

Emenda 982
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jikkunsidra l-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10	***imħassar***

snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li x-xenarju se jiġi żviluppat mill-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni mhijiex rilevanti.

Emenda 983
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku ***għandu jikkunsidra l-ftehimiet*** mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp ***tax-xenarji*** tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.	Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH għandhom jikkunsidraw il-ftehimiet*** mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha ***u tax-xenarju strateġiku tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 984
Tsvetelina Penkova, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Matthias Ecke, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku	Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-***

għandu jikkunsidra l-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.	***ENNOH għandhom jikkunsidraw il-ftehimiet*** mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 985
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku ***għandu jikkunsidra l-ftehimiet*** mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.	Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH għandhom jikkunsidraw il-ftehimiet*** mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.

Or. en

Emenda 986
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-iżvilupp tal-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fl-iskeda ta' żmien prevista fil-paragrafu 1, l-ENTSO għall-Elettriku għandu jikkunsidra l-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fil-paragrafu 1 għall-iżvilupp tax-xenarji tal-pjan ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 987
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għandhom ikunu konsistenti mal-pjanijiet ta' investiment reġjonali ppubblikati skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 u integrati fi ħdan il-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti tal-ippjanar tal-grilji fuq l-art u fuq il-baħar u r-rinforzi meħtieġa.	3. Il-pjanijiet strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar għandhom ikunu konsistenti mal-pjanijiet ta' investiment reġjonali ppubblikati skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (UE) 2019/943 u integrati fi ħdan il-pjanijiet ta' 10 snin għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp koerenti tal-ippjanar tal-grilji fuq l-art u fuq il-baħar u r-rinforzi meħtieġa***, kif ukoll għall-ħtiġijiet ta' infrastruttura tal-idroġenu marbuta mal-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inklużi l-produzzjoni, it-trasport u l-ħżin tal-idroġenu, u fejn rilevanti għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network jirriflettu l-firxa sħiħa tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura li jirriżultaw mill-varar tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. L-infrastruttura tal-idroġenu, inklużi t-trasport, il-ħżin u, fejn rilevanti, il-produzzjoni, tista' tippermetti integrazzjoni aktar effiċjenti tas-sistema, tnaqqas il-ħtieġa ta' tisħiħ addizzjonali tal-grilja, u tappoġġja l-integrazzjoni fuq skala kbira ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. L-inklużjoni espliċita tal-ħtiġijiet relatati mal-idroġenu fl-ippjanar lil hinn mill-kosta tgħin biex jiġu evitati strateġiji ta' investiment frammentati u tappoġġja sistema tal-enerġija kosteffiċjenti u integrata.

Emenda 988
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sa mhux aktar tard minn kull 4 snin wara l-adozzjoni tal-ftehim mhux vinkolanti tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-ftehimiet mhux vinkolanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż fid-dawl tar-riżultati tal-applikazzjoni tal-aħħar kostbenefiċċju u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar.	4. Sa mhux aktar tard minn kull 4 snin wara l-adozzjoni tal-ftehim mhux vinkolanti tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-ftehimiet mhux vinkolanti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inkluż fid-dawl tar-riżultati tal-applikazzjoni tal-aħħar kostbenefiċċju u kondiviżjoni tal-kostijiet ***proporzjonata*** għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar.

Or. ro

Emenda 989
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull baċir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***għandu jaġġorna l-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.	5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull baċir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 990
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull bażir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***għandu jaġġorna l-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.	5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull bażir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 991
Tsvetelina Penkova, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Matthias Ecke, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull bażir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***għandu jaġġorna l-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.	5. Wara kull aġġornament tal-ftehimiet mhux vinkolanti f'konformità mal-paragrafu 4, għal kull bażir tal-baħar, l-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH għandhom jaġġornaw il-pjanijiet*** strateġiċi integrati ta' livell għoli għall-iżvilupp tan-network fuq il-baħar fil-pjan ta' 10 snin li jkun imiss għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Or. en

Emenda 992
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu ***14(1)***, u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.	1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu ***15(1)***, u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). ***Aġġornament għandu jsir partikolarment rilevanti ladarba tkun ġiet adottata metodoloġija uniformi għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għal proġetti ibridi lil hinn mill-kosta, inkluż biex jiġu riflessi ftehimiet reġjonali dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet, l-arranġamenti ta' finanzjament u t-trattament ta' proġetti radjali ibridi u transfruntieri.*** Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa gwida aktar dettaljata dwar l-oqfsa transfruntieri tal-kondiviżjoni tal-kostijiet u tal-investiment biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp f'waqtu ta' proġetti ibridi lil hinn mill-kosta dejjem aktar kumplessi u biex titnaqqas l-inċertezza regolatorja u ta' finanzjament għall-Istati Membri parteċipanti u għall-promoturi tal-proġetti.

Emenda 993
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.	1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), ***mingħajr ma jirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn l-istati sħab,*** u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

Or. ro

Emenda 994
Tsvetelina Penkova, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Matthias Ecke, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar	1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar

imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 995
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.	1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 996

Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.	1. Il-Kummissjoni għandha, bl-involviment tal-Istati Membri, tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ aġġornament tal-gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattiv għal proġetti tal-enerġija fuq il-baħar, li jipprevedi kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 14(1), u, fejn rilevanti, tippubblika verżjoni aġġornata tal-gwida. Din il-gwida għandha tkun kompatibbli mal-Artikolu 17(1). Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-gwida tagħha meta jkun xieraq, filwaqt li tqis ir-riżultati tal-implimentazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 997
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, għandu jaġġorna r-riżultati tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-	2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, għandu jaġġorna r-riżultati tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-

Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju ***speċifiku*** u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).	Kummissjoni – ***mingħajr ma jirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn l-istati sħab*** – tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal ***miżuri ta'*** kostbenefiċċju u ***miżuri għal*** kondiviżjoni tal-kostijiet ***proporzjonati*** għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

Or. ro

Emenda 998
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, għandu jaġġorna r-riżultati tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).	2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, ***u, fejn rilevanti, tal-ENNOH u l-HTNOs, kif ukoll*** tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, għandu jaġġorna r-riżultati tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

Or. en

Emenda 999

Tsvetelina Penkova, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Matthias Ecke, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandu jaġġorna r-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).	2. L-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH***, bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandhom jaġġornaw ir-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

Or. en

Emenda 1000
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandu jaġġorna r-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-	2. L-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH***, bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandhom jaġġornaw ir-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju

varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

Or. en

Emenda 1001
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ENTSO għall-Elettriku, bl-involviment tat-TSOs rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandu jaġġorna r-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).	2. L-ENTSO għall-Elettriku ***u l-ENNOH***, bl-involviment tat-TSOs ***u l-HTNOs*** rilevanti, tal-Aġenzija, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, ***għandhom jaġġornaw ir-riżultati*** tal-applikazzjoni tal-kostbenefiċċju u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kurituri prijoritarji tal-grilja fuq il-baħar, inkluż kull meta l-Kummissjoni tippubblika kwalunkwe aġġornament tal-gwida għal kostbenefiċċju speċifiku u kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat fuq il-baħar għall-baċiri tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 15(2) f'konformità mal-ftehimiet mhux vinkolanti msemmija fl-Artikolu 15(1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

l-involviment tal-ENNOH u tal-HTNO huwa meħtieġ biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti tal-metodoloġiji tal-kostbenefiċċji u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet fl-ippjanar integrat tal-infrastruttura tal-elettriku u tal-idroġenu lil hinn mill-kosta.

Emenda 1002
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.	1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, ***il-kapital kif ukoll l-ispejjeż operazzjonali previsti għal perjodu ta' 15-il sena,*** li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, ***u riskji*** relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, ***b'mod li jkun ġeneralment proporzjonat għad-distribuzzjoni tal-benefiċċji netti identifikati skont il-paragrafi 4 u 6,*** u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri. ***Aġġustament ex post debitament ġustifikat ta' deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u tar-riskji kif deskritt fil-paragrafu 7 jista' jkun possibbli bi qbil tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali bl-involviment tal-Aġenzija.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kostijiet u r-riskji ta' proġetti ta' infrastruttura transfruntieri għandhom jingarru skont il-benefiċċju nett ipproġettat.

Emenda 1003
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, ***li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni,*** relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.	1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, ***u, jekk jitqies xieraq mill-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti, il-kostijiet operazzjonali*** relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bir-restrizzjoni tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għal CAPEX, dan jippenalizza proġetti li għandhom kostijiet bil-quddiem aktar baxxi, OPEX ogħla u OPEX totali aktar baxxi.

Emenda 1004
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, ***li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni***, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.	1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, ***u kostijiet operazzjonali fejn meqjus meħtieġ mill-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti***, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-restrizzjoni tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għan-nefqa fuq l-investiment (CAPEX), u t-traskurar tal-kumpens għall-kostijiet kollha relatati man-network ta' proġett, jistgħu jiskoraġġixxu lill-Istat Membru li jospita dak il-proġett milli jipproċedi bit-twettiq, speċjalment għal dawk il-proġetti li għandhom kostijiet bil-quddiem limitati u kostijiet operazzjonali u ta' manutenzjoni ogħla. Għalhekk huwa propost li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jivvalutaw il-ħtieġa li l-OPEX jiġi inkluż bħala parti mis-CBCA.

Emenda 1005
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba	1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba

b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), ***(b),*** (c), (d), (e)***,*** (f) ***u (h)*** tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.	b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (c), (d), (e) ***u*** (f) tal-Anness II, u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali f'kull Stat Membru kkonċernat, għandhom jiġġarrbu mit-TSOs, l-HNOs rilevanti, operaturi oħra jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn ħlasijiet oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess għan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tapplika għal kull iterazzjoni tal-"Anness II, il-punt 1), a), b), c), d), e), f) u h)"

Emenda 1006
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-promoturi tal-proġetti, l-awtoritajiet regolatorji u l-operaturi tas-sistema tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu lill-Aġenzija l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kompiti tal-Aġenzija skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1007
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.	Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed ***jista'*** jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.

Or. en

Emenda 1008
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.	Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed ***jista'*** jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.

Or. en

Emenda 1009
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.	Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Artikolu 27 u fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed ***jista'*** jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.

Or. en

Emenda 1010
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti ***fl-Artikolu 27 u*** fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.	Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) u l-punt (2) tal-Anness II, meta tal-inqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett.

Or. en

Emenda 1011
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4.	Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4. ***Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw biss meta ma jkunx disponibbli ftehim tal-promoturi tal-proġett dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet.***

Or. en

Emenda 1012
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4.	Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4. ***Dan il-paragrafu għandu jiġi applikat biss f'każ li ma jkunx disponibbli ftehim tal-promoturi tal-proġett dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet.***

Or. en

Emenda 1013
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4.	Meta proġett ikollu diversi promoturi ta' proġett, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jippreżentaw it-talba għal investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 4. ***Dan il-paragrafu għandu jiġi applikat biss f'każ li ma jkunx disponibbli ftehim tal-promoturi tal-proġett dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet.***

Or. en

Emenda 1014
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għal proġett ta' interess komuni li għalih japplika l-paragrafu 1, il-promoturi tal-proġett għandhom iżommu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha infurmati b'mod regolari, tal-inqas darba fis-sena minn meta l-proġett jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni u sakemm il-proġett jiġi kkummissjonat, dwar il-progress ta' dak il-proġett u l-identifikazzjoni tal-kostijiet u tal-impatt assoċjat miegħu.	3. Għal proġett ta' interess komuni li għalih japplika l-paragrafu 1, il-promoturi tal-proġett għandhom iżommu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha infurmati b'mod regolari, tal-inqas darba fis-sena minn meta l-proġett jiġi inkluż fil-lista tal-Unjoni u sakemm il-proġett jiġi kkummissjonat, dwar il-progress ta' dak il-proġett u l-identifikazzjoni tal-kostijiet u tal-impatt assoċjat miegħu. ***Il-promoturi tal-proġett għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-progress kontinwu ta' proġett ta' interess komuni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa obbligi aktar b'saħħithom għall-promoturi tal-proġetti biex jitnaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni u jiġi żgurat it-twettiq effettiv ta' proġetti ta' interess komuni.

Emenda 1015
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Stat Membru li jikkwalifika bħala suq emerġenti tal-idroġenu għandu jibbenefika minn deroga tal-Artikolu 17 biss fir-rigward ta' proġetti li jaqgħu taħt il-paragrafu 2 tal-Anness II. Din id-deroga għandha tiskadi awtomatikament mill-mument meta l-Istat Membru ma jibqax jikkwalifika bħala suq emerġenti tal-idroġenu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dikjarazzjoni ċara li l-bidu u/jew it-tlestija ta' proċess tas-CBCA ma jikkostitwux prerekwiżit għall-akkoljenza ta' fond u/jew l-applikazzjoni ta' mekkaniżmi tal-UE għat-tneħħija tar-riskji.

Emenda 1016
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, ***fil-każ li ftehim ta' kondiviżjoni tal-kostijiet bejn il-promoturi tal-proġett ma jkunx disponibbli,*** il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal

ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1017
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, ***fil-każ li ftehim ta' kondiviżjoni tal-kostijiet bejn il-promoturi tal-proġett ma jkunx disponibbli,*** il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1018
Letizia Moratti, Fulvio Martusciello, Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun

stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, ***fejn ftehim ta' kondiviżjoni tal-kostijiet bejn il-promoturi tal-proġett ma jkunx disponibbli,*** il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1019
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs ***jew l-HTNOs*** mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-HTNOs fil-konsultazzjonijiet peress li huma parti kkonċernata importanti.

Emenda 1020
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs ***jew l-HTNOs*** mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1021
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi	Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar sussegwenti, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs ***jew l-HNOs*** mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jippreżentaw talba għal investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u

ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:	għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1022
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-xenarju ċentrali msemmi*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;	(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-xenarji u s-sensittivitajiet imsemmija*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, ***li tapplika l-metodoloġija għal analiżi tal-kostbenefiċċji tal-enerġija armonizzata mas-sistema kollha msemmija fl-Artikolu 14. L-analiżi għandha tikkwantifika u tippreżenta b'mod espliċitu d-distribuzzjoni tal-potenzjal*** u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;

Or. en

Emenda 1023
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti max-xenarju ċentrali ***msemmi*** fl-Artikolu 11 u	(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti max-xenarju ċentrali ***u, jekk xieraq, is-***

kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;	***sensittivitajiet imsemmija*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;

Or. en

Emenda 1024
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti max-xenarju ***ċentrali*** msemmi fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;	(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti max-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** msemmi fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;

Or. en

Emenda 1025
Anna Stürgkh, Andreas Glück, Emma Wiesner, Sigrid Friis, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-***	(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-***

xenarju ċentrali msemmi fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;	***xenarji u s-sensittivitajiet imsemmija*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mat-tibdiliet proposti għall-Artikolu 11.

Emenda 1026
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-xenarju ċentrali msemmi*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;	(a) analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett konsistenti ***max-xenarji msemmija*** fl-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, u l-metodoloġija għal analiżi armonizzata tal-kostbenefiċċji għas-sistema tal-enerġija kollha msemmija fl-Artikolu 14 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom jinsab il-proġett;

Or. en

Emenda 1027
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett, inkluż is-soluzzjoni ta' finanzjament magħżula, u, għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (3) tal-Anness II, ir-riżultati tal-ittestjar tas-suq;	(b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett, inkluż is-soluzzjoni ta' finanzjament magħżula, u, għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija msemmija fil-punt (3) tal-Anness II, ir-riżultati tal-ittestjar tas-suq; ***Għall-proġetti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-enerġija tal-Istati Membri, għandu jsir tqabbil ma' proġetti nazzjonali alternattivi;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ tqabbil ma' proġetti nazzjonali alternattivi biex jiġi żgurat li l-proġetti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-enerġija tal-Istati Membri jipprovdu l-aktar soluzzjoni effiċjenti u kosteffettiva.

Emenda 1028
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***meta l-promoturi tal-proġett jaqblu,*** proposta ssostanzjata għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.	(c) proposta ssostanzjata għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.

Or. en

Emenda 1029
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Malli jirċievu talba għal investiment, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom jibagħtu kopja tagħha lill-Aġenzija mingħajr dewmien, għall-finijiet ta' informazzjoni.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1030
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u l-Aġenzija għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1031
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u l-Aġenzija għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.	L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u l-Aġenzija għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva ***matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġett u għal perjodu miftiehem kuntrattwalment wara li jitlesta, b'dispożizzjonijiet ċari li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni***.

Or. ro

Emenda 1032

Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Barry Andrews, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-preżentazzjoni ta' talba għal investiment u l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u tar-riskji skont dan l-Artikolu ma għandhomx jikkostitwixxu prerekwiżit obbligatorju biex promotur ta' proġett japplika għal appoġġ finanzjarju mill-Unjoni, inkluż taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, dment li l-awtorità jew l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ospitanti jkunu ħarġu dikjarazzjoni pożittiva dwar l-eliġibbiltà u l-maturità tal-proġett.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għalhekk, il-pass obbligatorju u sekwenzjali tal-għotjiet tas-CBCA u tal-FNE għax-xogħlijiet għandu jitneħħa, u b'hekk iż-żewġ proċessi jkunu jistgħu jitmexxew b'mod parallel, filwaqt li għandu jkun possibbli għall-promoturi tal-proġetti li japplikaw direttament għall-FNE bil-kundizzjoni ta' dikjarazzjoni pożittiva tal-ARN ospitanti. F'xi każijiet, fil-fatt, id-deċiżjonijiet tas-CBCA jistgħu ma jkunux xierqa (eż. meta l-benefiċċji, skont ir-riżultati tas-CBA, jisbqu l-kostijiet fil-pajjiżi ospitanti kollha), u għandha tkun possibbli talba diretta għall-appoġġ tal-FNE.

Emenda 1033
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien 6 xhur mid-data li fiha l-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti tirċievi t-talba għal investiment, dawk l-awtoritajiet għandhom,	Fi żmien 6 xhur mid-data li fiha l-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti tirċievi t-talba għal investiment, dawk l-awtoritajiet għandhom,

wara li jikkonsultaw lill-promoturi tal-proġett ikkonċernati, jieħdu deċiżjonijiet konġunti koordinati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti li jridu jinġarru minn kull operatur tas-sistema għall-proġett, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fit-tariffi, jew dwar ir-rifjut tat-talba kollha għal investiment, jew ta' parti minnha, jekk l-analiżi komuni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tikkonkludi li l-proġett jew parti minnu jonqos milli jipprovdi benefiċċju nett sinifikanti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti.	wara li jikkonsultaw lill-promoturi tal-proġett ikkonċernati, jieħdu deċiżjonijiet konġunti koordinati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti ***u, fejn applikabbli, operazzjonali*** li jridu jinġarru minn kull operatur tas-sistema għall-proġett, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fit-tariffi, jew dwar ir-rifjut tat-talba kollha għal investiment, jew ta' parti minnha, jekk l-analiżi komuni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tikkonkludi li l-proġett jew parti minnu jonqos milli jipprovdi benefiċċju nett sinifikanti fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti. *(Din l-emenda tapplika għall-paragrafu 5 kollu.)*

Or. en

Emenda 1034
Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Meta l-każ ikun debitament ġustifikat mill-kumplessità tal-proġett jew mill-ħtieġa ta' data transfruntiera addizzjonali, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti jistgħu jestendu dan il-perjodu darba b'mhux aktar minn tliet xhur, filwaqt li jinfurmaw lill-Aġenzija mingħajr dewmien u jiddikjaraw ir-raġunijiet.

Or. en

Emenda 1035

Anna Stürgkh, Emma Wiesner, Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Sophie Wilmès, Bart Groothuis

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-proġetti fit-territorji tal-Istat Membru rispettiv tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom, wara dan, jivvalutaw, fejn xieraq, jekk jistgħux jinqalgħu kwistjonijiet ta' affordabbiltà minħabba l-inklużjoni tal-kostijiet tal-investiment fit-tariffi.	Għall-proġetti fit-territorji tal-Istat Membru rispettiv tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom, wara dan, jivvalutaw, fejn xieraq, jekk jistgħux jinqalgħu kwistjonijiet ta' affordabbiltà***, bħal żieda potenzjali fit-tariffi,*** minħabba l-inklużjoni tal-kostijiet tal-investiment fit-tariffi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika: Iż-żieda fit-tariffi tal-grilja għandha titqies bħala kwistjoni ta' affordabbiltà.

Emenda 1036
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier għandha tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proġetti fl-Istati Membri kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju. Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, wara li jikkonsultaw lit-TSOs ikkonċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq, iżda mhux biss, l-informazzjoni	L-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier għandha tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proġetti fl-Istati Membri kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju. Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, wara li jikkonsultaw lit-TSOs ikkonċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq, iżda mhux biss, l-informazzjoni

speċifikata fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***ċentrali*** u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.	speċifikata fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***inizjali*** u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.

Or. en

Emenda 1037
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier għandha tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proġetti fl-Istati Membri kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju. Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, wara li jikkonsultaw lit-TSOs ikkonċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq, iżda mhux biss, l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq ***ix-xenarju ċentrali*** u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-	L-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier għandha tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proġetti fl-Istati Membri kkonċernati u l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju. Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, wara li jikkonsultaw lit-TSOs ikkonċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq, iżda mhux biss, l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), ta' dan l-Artikolu. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq ***ix-xenarji*** u kwalunkwe sensittività msemmija fl-Artikolu 11, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-

sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.	sigurtà tal-provvista.

Or. en

Emenda 1038
Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Aura Salla

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji ***netti*** stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru***, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-ENTSO għall-Elettriku u l-ENNOH skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 13***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ***għall-fini tal-analiżi u l-konsultazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-kostijiet li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema, u ħlief jekk jiġi deċiż mod ieħor mill-Istati Membri li fihom ikun qed jiġi kkunsidrat il-proġett***;

Or. en

Emenda 1039
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru ***involut fil-proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni

transfruntiera tal-kostijiet;

Għall-kategoriji stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II, din il-kundizzjoni fl-ewwel sentenza tal-punt (a) tkopri l-Istati Membri kollha inklużi fil-kuritur tal-provvista speċifiku;

Or. en

Emenda 1040
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru ***involut fi proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet; ***Għall-kategoriji stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II, din il-kundizzjoni fl-ewwel sentenza tal-punt (a) tkopri l-Istati Membri kollha inklużi fil-kuritur tal-provvista speċifiku;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-inklużjoni ta' kwalunkwe Stat Membru fejn mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati jseħħu fil-proċess tas-CBCA, dan għandu jkun aktar speċifiku billi jiddikjara li fil-proċess tas-CBCA għandhom jiġu inklużi biss l-Istati Membri involuti direttament fil-proġett relatat mal-iżviluppi fl-infrastruttura jew konnessi miegħu.

Emenda 1041
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru ***involut fi proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet; ***Għall-kategoriji stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness II, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ittra (a) ikopru l-Istati Membri kollha inklużi fil-kuritur tal-provvista speċifiku.***

Or. en

Emenda 1042
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet***;**	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ***għall-finijiet ta' analiżi u konsultazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni tal-kostijiet bejn l-operaturi tas-sistema, ħlief jekk ikun miftiehem mod ieħor mill-Istati Membri kkonċernati mill-proġett.***

Or. en

Emenda 1043
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas ***10 %*** tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas ***5 %*** tal-benefiċċji ***netti*** stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti***, flimkien mal-Istati Membri fejn jinsab il-proġett u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati,*** għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' dan l-Artikolu għandu jkun li jrawwem il-kooperazzjoni transfruntiera billi jiffaċilita d-diskussjonijiet bejn l-Istati Membri u l-ARN li jibbenefikaw minn proġett. Limitu ta' 10 % jirrestringi dawn il-possibbiltajiet. L-ACER irrakkomandat livell limitu ta' 5 % fir-rakkomandazzjonijiet tagħha tal-2023 dwar "prattiki tajbin għat-trattament tat-talbiet ta' investiment, inklużi talbiet għal Allokazzjoni tal-Ispejjeż Transfruntiera, għal Proġetti ta' Interess Komuni".

Emenda 1044
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru***, involut direttament fi proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ***mingħajr preġudizzju għall-kostijiet li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema***;

Or. en

Emenda 1045
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru ***involut direttament fi proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ***mingħajr preġudizzju għall-kostijiet li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex il-proċess isir vijabbli, huma biss l-Istati Membri direttament relatati mat-twettiq tal-proġett - jew mill-inqas affettwati direttament minnu - li għandhom jieħdu sehem fis-CBCA.

Emenda 1046
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru ***involut fi proġetti interkonnessi***, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri affettwati permezz ta' infrastruttura interkonnessa, li tippermetti allokazzjoni aktar akkurata tal-kostijiet u ppjanar ikkoordinat. L-emenda tappoġġja l-integrazzjoni effiċjenti tal-enerġija rinnovabbli, tevita investimenti duplikati u tnaqqas l-impatti ambjentali, filwaqt li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima tal-UE.

Emenda 1047
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas 10 % tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem ***b'mod proporzjonat*** fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;

Or. fr

Emenda 1048
András Gyürk, Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas ***10 %*** tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas ***20 %*** tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu ta' 10 % ikun baxx wisq, u jista' juri benefiċċju irrispettivament mill-utilità reali tal-proġett, li potenzjalment jibdel l-Istat Membru kkonċernat f'finanzjatur obbligatorju de facto.

B'riżultat ta' dan, il-konsumaturi domestiċi jistgħu jiġu mġiegħla jġarrbu l-kostijiet ta' proġetti li minnhom jiksbu ftit benefiċċju reali u li jistgħu lanqas biss jiġu implimentati fit-territorju tal-Istat Membru tagħhom.

Emenda 1049
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta mill-inqas ***10 %*** tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;	(a) meta mill-inqas ***5 %*** tal-benefiċċji stmati ta' proġett iseħħu fi Stat Membru, dak l-Istat Membru u l-awtorità regolatorja nazzjonali rilevanti għandhom jieħdu sehem fil-proċess tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet;

Or. en

Emenda 1050
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji netti, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;	(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni ***proporzjonata*** tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji netti, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni***, mingħajr ma jirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn l-istati sħab***;

Or. ro

Emenda 1051
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji ***netti***, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;	(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;

Or. en

Emenda 1052
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji ***netti***, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;	(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The allocation of costs among the Member States shall not only be based on the distribution of net benefit (i.e. benefit minus cost). Gross benefit should be considered in cases where net benefits will be equal to zero or negative, whereas gross benefits are always positive. With a zero value or a negative value, one will have difficulties to allocate cost. Some room for interpretation regarding cost sharing should, then, be applied in these cases where it is not possible to share cost on net benefits, i.e. when the net benefits for one party are equal to zero or are negative. For instance, a partition key for the cost in these cases could be the overall benefits (i.e. without subtracting the cost occurred in the considered system).

Emenda 1053
Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji ***netti***, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;	(b) fejn ikun xieraq, l-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji, filwaqt li jiġi żgurat li l-koeffiċjent tal-allokazzjoni tal-kostijiet jirrifletti dik id-distribuzzjoni;

Or. en

Emenda 1054
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandha tkun ibbażata fuq ftehim ex ante dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet imfassal biex jiżgura ċ-ċertezza tal-investiment, filwaqt li l-ftehim għandu jkun trasparenti u prevedibbli u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tista' tipprevedi l-possibbiltà ta' aġġustamenti ex post, dment li tali aġġustamenti jkunu definiti b'mod espliċitu fid-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet u mfassla b'mod ċar, inkluż fir-rigward tal-perjodi ta' żmien u l-kategoriji ta' kostijiet koperti.	(c) l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandha tkun ibbażata fuq ftehim ex ante dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet imfassal biex jiżgura ċ-ċertezza tal-investiment, filwaqt li l-ftehim għandu jkun trasparenti u prevedibbli u l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tista' tipprevedi l-possibbiltà ta' aġġustamenti ex post, dment li tali aġġustamenti jkunu definiti b'mod espliċitu fid-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet u mfassla b'mod ċar, inkluż fir-rigward tal-perjodi ta' żmien u l-kategoriji ta' kostijiet koperti. ***Meta jiġu allokati l-kostijiet, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-impatt tal-prezzijiet tal-enerġija fuq il-kompetittività tan-negozji Ewropej.***

Or. en

Emenda 1055
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) fil-każ ta' proġetti ibridi lil hinn mill-kosta fejn proġett jintegra kemm interkonnettur ibridu kif ukoll proġett konġunt tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandha tkun ibbażata fuq metodoloġija uniformi ta' allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet li tqis kemm l-assi tal-infrastruttura kif ukoll dawk tal-ġenerazzjoni għal proġetti ibridi lil hinn mill-kosta

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija meħtieġa metodoloġija uniformi għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet biex jiġi żgurat trattament ġust u konsistenti ta' proġetti ibridi lil hinn mill-kosta li jintegraw kemm l-assi tal-infrastruttura kif ukoll dawk tal-ġenerazzjoni.

Emenda 1056
Tsvetelina Penkova, Bruno Tobback, Bruno Gonçalves, Jens Geier, Giorgio Gori, Daniel Attard, Matthias Ecke, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fuq il-bażi tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, iqisu l-kostijiet reali mġarrba minn TSO, HNO jew minn promotur tal-proġett ieħor b'riżultat tal-investimenti meta	8. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fuq il-bażi tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, iqisu l-kostijiet reali mġarrba minn TSO***, DSO***, HNO jew minn promotur tal-proġett ieħor b'riżultat tal-investimenti meta

jistabbilixxu jew japprovaw it-tariffi f'konformità mal-Artikolu 78(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 u mal-Artikolu 59(1), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/944, sa fejn dawk il-kostijiet jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli.	jistabbilixxu jew japprovaw it-tariffi f'konformità mal-Artikolu 78(1) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 u mal-Artikolu 59(1), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/944, sa fejn dawk il-kostijiet jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

In-networks ta' distribuzzjoni għandhom rwol ewlieni fl-integrazzjoni ta' ammonti kbar ta' ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli u distribwita, filwaqt li jippermettu r-rispons tad-domanda, il-ħżin tal-enerġija, il-vetturi elettriċi u sorsi oħra ta' flessibbiltà. Il-kontribut materjali tagħhom għall-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, inkluż fejn l-impatti huma rilevanti fuq livell transfruntier, għandu jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu, u għalhekk il-proġetti mmexxija mid-DSO għandhom jitqiesu bis-sħiħ kemm fil-proċessi tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet kif ukoll fl-istabbiliment tat-tariffi tan-network.

Emenda 1057
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom jinnotifikaw id-deċiżjoni tal-allokazzjoni tal-kostijiet lill-Aġenzija mingħajr dewmien, flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti fir-rigward ta' dik id-deċiżjoni. B'mod partikolari, id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tistabbilixxi raġunijiet dettaljati għall-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri, inkluż dawn li ġejjin:	***imħassar***
(a) evalwazzjoni tal-impatt identifikat fuq kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż dawk l-impatti li jikkonċernaw it-tariffi tan-network;	
(b) evalwazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju msemmi fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b);	

(c) l-esternalitajiet pożittivi reġjonali jew għall-Unjoni kollha li jiġġenera l-proġett, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni;

(d) ir-riżultat tal-konsultazzjoni tal-promoturi tal-proġett ikkonċernati.

Or. fr

Emenda 1058
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) evalwazzjoni tal-impatt identifikat fuq kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż dawk l-impatti li jikkonċernaw ***it-tariffi*** tan-network;	(a) evalwazzjoni tal-impatt identifikat fuq kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati, inkluż dawk l-impatti li jikkonċernaw ***il-prezzijiet finali tal-elettriku u t-tariffi***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet, ikun xieraq li tiġi kondiviża wkoll informazzjoni dwar x'ikun l-impatt tal-proġett fuq il-prezzijiet tal-elettriku fil-pajjiżi kkonċernati.

Emenda 1059
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tiġi ppubblikata fuq is-siti web tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u kondiviża ***mal-Aġenzija u*** mal-Kummissjoni.	Id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tiġi ppubblikata fuq is-siti web tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u kondiviża mal-Kummissjoni.

Or. fr

Emenda 1060
Tsvetelina Penkova, Bruno Tobback, Matthias Ecke, Annalisa Corrado, Elena Sancho Murillo, Nicolás González Casares

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa [fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ], u mill-inqas kull sentejn wara dan, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport li jimmonitorja d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet. Il-promoturi ta' proġetti, l-awtoritajiet regolatorji u l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu lill-Aġenzija l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kompitu tal-Aġenzija skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1061
Dario Tamburrano

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa [fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ], u mill-inqas kull sentejn wara dan, l-Aġenzija għandha tippubblika rapport li jimmonitorja d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet. Il-promoturi ta' proġetti, l-awtoritajiet regolatorji u l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jipprovdu lill-Aġenzija l-informazzjoni meħtieġa għall-fini tat-twettiq tal-kompitu tal-Aġenzija skont dan

l-Artikolu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-monitoraġġ huwa kruċjali għall-implimentazzjoni u għat-titjib tal-mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tal-kostijiet. Għalhekk, l-ACER għandha tingħata l-kompitu li timmonitorja dawn il-mekkaniżmi u tippubblika rapport u l-partijiet ikkonċernati rilevanti għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti biex l-ACER tkun tista' twettaq dan il-kompitu.

Emenda 1062
Michael Bloss
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 9 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sa [fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ], l-Aġenzija għandha tippubblika rapport li jimmonitorja d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ACER għandha tingħata r-responsabbiltà li timmonitorja u tirrapporta dwar id-deċiżjonijiet tas-CBCA biex tipprovdi għarfien dwar il-funzjonament ta' din l-għodda regolatorja u l-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntieri.

Emenda 1063
Aura Salla, Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'dak il-każ jew fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, l-Aġenzija għandha tieħu d-deċiżjoni dwar it-talba għal investiment, inkluż dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet	F'dak il-każ jew fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, l-Aġenzija għandha tieħu d-deċiżjoni ***mhux vinkolanti*** dwar it-talba għal investiment, inkluż dwar l-allokazzjoni

imsemmija fil-paragrafu 5, fi żmien 3 xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija.	transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 5, fi żmien 3 xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija. ***Qabel ma tieħu tali deċiżjoni, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u lill-promoturi tal-proġett. Wara li tikkonsulta mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-Aġenzija għandha tqis l-impatt tal-kostijiet tal-investiment mitluba fuq l-affordabbiltà tat-tariffi tan-network u l-kapaċità ta' investiment tal-operatur (i) tas-sistema f'konformità mal-obbligi nazzjonali għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċess tas-CBCA ma għandux joħloq inċertezza, dewmien u reżistenza, u jista' jimmina l-fiduċja speċjalment ma' pajjiżi mhux ospitanti. Aħna nappoġġjaw rwol ċar għall-ARN fil-proċess biex jiġi żgurat li jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet reġjonali u nazzjonali. Aħna nemmnu li d-deċiżjoni għandha tikkunsidra wkoll l-effetti fuq it-tariffi tan-network nazzjonali u l-kapaċitajiet ta' investiment tal-operaturi tas-sistema f'konformità mal-obbligi nazzjonali tagħhom.

Emenda 1064
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
F'dak il-każ jew fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, l-Aġenzija għandha ***tieħu d-deċiżjoni*** dwar it-talba għal investiment, inkluż dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 5, fi żmien 3 xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija.	F'dak il-każ jew fuq talba konġunta mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, l-Aġenzija għandha ***tissuġġerixxi deċiżjoni*** dwar it-talba għal investiment, inkluż dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 5, fi żmien 3 xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija.

Or. fr

Emenda 1065
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tieħu deċiżjoni bħal din, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u lill-promoturi tal-proġett. Il-perjodu ta' 3 xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' xahrejn meta l-Aġenzija titlob aktar informazzjoni. Dak il-perjodu addizzjonali għandu jibda fil-jum ta' wara l-wasla tal-informazzjoni kompluta.	***Għal dawn il-finijiet***, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u lill-promoturi tal-proġett. Il-perjodu ta' 3 xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' xahrejn meta l-Aġenzija titlob aktar informazzjoni. Dak il-perjodu addizzjonali għandu jibda fil-jum ta' wara l-wasla tal-informazzjoni kompluta.

Or. fr

Emenda 1066
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay, Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ċentrali stabbilit skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1067

Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***ċentrali*** stabbilit skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.	Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq ix-xenarju ***strateġiku tal-Unjoni*** stabbilit skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.

Or. en

Emenda 1068
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq ***ix-xenarju ċentrali stabbiliti*** skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.	Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq ***ix-xenarji stabbiliti*** skont l-Artikolu 11 u kwalunkwe sensittività, filwaqt li tippermetti analiżi robusta tal-kontribut tal-proġett ta' interess komuni għall-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija tad-dekarbonizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.

Or. en

Emenda 1069
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija, fid-deċiżjoni tagħha dwar it-talba għal investiment, inkluż dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet, għandha tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-mument tal-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jiddeterminaw il-mod kif il-kostijiet tal-investiment għandhom jiġu inklużi fit-tariffi f'konformità mal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet preskritta.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1070
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 10 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-deċiżjoni dwar it-talba għal investiment inkluż dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandha tiġi ppubblikata. L-Artikolu 25(3) u l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE) 2019/942 għandhom japplikaw.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1071
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. L-Aġenzija għandha tgħaddi lill-	***imħassar***

Kummissjoni mingħajr dewmien kopja tad-deċiżjonijiet kollha dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward ta' kull deċiżjoni. L-Aġenzija għandha tippubblika verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-deċiżjonijiet kollha fuq is-sit web tagħha. Dik l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata f'forma aggregata. L-Aġenzija u l-Kummissjoni għandhom jippreżervaw il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Or. fr

Emenda 1072
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Kamila Gasiuk-Pihowicz, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.	12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs ***u tal-HTNOs*** li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li titqies in-natura rinnovabbli tal-produzzjoni tal-idroġenu, l-inklużjoni tal-HTNOs hija essenzjali biex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tar-Regolament.

Emenda 1073
Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.	12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs ***u tal-HTNOs*** li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.

Or. en

Emenda 1074
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.	12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs ***u tal-HTNOs*** li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-HTNOs fil-konsultazzjonijiet peress li huma parti kkonċernata importanti.

Emenda 1075
Ondřej Krutílek, Daniel Obajtek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.	12. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs ***u tal-HNOs*** li japplikaw ħlasijiet għall-aċċess għan-networks u d-dritt tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovawhom f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2019/943 u (UE) 2024/1789 u mad-Direttivi (UE) 2019/944 u (UE) 2024/1788.

Or. en

Emenda 1076
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 14 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha taġġorna dik ir-rakkomandazzjoni regolarment kif meħtieġ. Hija għandha tqis l-ispeċifiċitajiet settorjali***, u għandha tiżgura konsistenza mal-prinċipji dwar il-grilji fuq il-baħar għall-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet tal-enerġija rinnovabbli kif imsemmi fl-Artikolu 16(1)***. Meta tadotta jew taġġorna r-rakkomandazzjoni, l-Aġenzija għandha twettaq proċess ta' konsultazzjoni estensiv, li jkun jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Dik ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi wkoll mudell mhux vinkolanti ta' allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-aġenziji regolatorji nazzjonali.	L-Aġenzija għandha taġġorna dik ir-rakkomandazzjoni regolarment kif meħtieġ. Hija għandha tqis l-ispeċifiċitajiet settorjali. Meta tadotta jew taġġorna r-rakkomandazzjoni, l-Aġenzija għandha twettaq proċess ta' konsultazzjoni estensiv, li jkun jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Dik ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi wkoll mudell mhux vinkolanti ta' allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-aġenziji regolatorji nazzjonali.

Or. fr

Emenda 1077
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis għall-pakketti ta' proġetti skont l-Artikolu 18.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1078
Kamila Gasiuk-Pihowicz, Mirosława Nykiel, Borys Budka, Krzysztof Hetman, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont dan l-Artikolu 17 mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet tista' tintalab u tingħata mingħajr deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt il-punt (2) tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-possibbiltà li jinqabeż l-istadju tas-CBCA f'każ li l-proġett jipprovdi benefiċċji netti lis-sistemi nazzjonali affettwati kollha jew għal proġetti tal-idroġenu li jitolbu assistenza finanzjarja għax-xogħol (ara l-Artikolu 17(17) ġdid).

Emenda 1079

Jana Nagyová, Ondřej Knotek, Tomáš Kubín, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont dan l-Artikolu 17 mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet tista' tintalab u tingħata mingħajr deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt il-punt (2) tal-Anness II.

Or. en

Emenda 1080
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont dan l-Artikolu mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri interessati kollha. Fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt l-Anness II, il-punt (2), mhijiex meħtieġa deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet sabiex tintalab assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet.

Or. en

Emenda 1081

Ondřej Krutílek

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 17 mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet tista' tintalab u tingħata mingħajr deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt il-punt (2) tal-Anness II.

Or. en

Emenda 1082
Jens Geier

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	16a. Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont dan l-Artikolu 17 mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet tista' tintalab u tingħata mingħajr deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt il-punt (2) tal-Anness II.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Soluzzjoni ta' garanzija tal-UE bħala mekkaniżmu effettiv ta' tneħħija tar-riskji fil-livell tal-UE biex jiġi sfruttat il-finanzjament għal infrastruttura transfruntiera ddedikata.

Emenda 1083
Mariateresa Vivaldini, Elena Donazzan, Nicola Procaccini, Francesco Torselli, Lara Magoni, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	***Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont dan l-Artikolu 17 mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. Fil-każ ta' proġetti li jaqgħu taħt il-punt (2) tal-Anness II, mhijiex meħtieġa deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet sabiex tintalab assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-CBCA huwa eżerċizzju kumpless u potenzjalment bla suċċess li jista' jillimita l-possibbiltà ta' aċċess għall-għotjiet mix-xogħlijiet. F'każ li proġett jipprovdi benefiċċji netti għas-sistemi nazzjonali affettwati kollha, is-CBCA ma għandhiex tkun meħtieġa. Bl-istess mod, is-CBCA ma għandhiex tkun meħtieġa wkoll f'każ li l-promoturi ta' proġetti interkonnessi jagħżlu li jitolbu assistenza finanzjarja tal-Unjoni mingħajr deċiżjoni tas-CBCA. Fiż-żewġ każijiet, ir-riżultat ikun qed jaqbeż ir-rekwiżit tas-CBCA preskritt skont l-Artikolu 21, il-paragrafu 2(b), li jiffaċilita l-proċess għat-talba ta' aċċess għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni.

Emenda 1084
Aura Salla, Tomas Tobé, Jörgen Warborn

Proposta għal regolament
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet mhijiex meħtieġa jekk, skont analiżi tal-kostbenefiċċji speċifika għall-proġett, il-proġett jipprovdi benefiċċji netti lill-Istati Membri affettwati kollha. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għal xogħlijiet tista' tintalab u tingħata mingħajr deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għal proġetti li jaqgħu taħt l-Anness II, il-punt (2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huma meħtieġa bidliet immirati fil-qafas tas-CBCA biex id-deċiżjonijiet tas-CBCA jiġu diżakkoppjati mill-eliġibbiltà għal mekkaniżmi ta' appoġġ fil-livell tal-UE, inklużi għodod futuri skont l-Artikolu 21. Dan jiżgura aċċess aktar dirett, prevedibbli u effettiv għall-istrumenti ta' appoġġ għal proġetti transfruntieri tal-infrastruttura tal-idroġenu.

Emenda 1085
Paolo Borchia, Isabella Tovaglieri, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Iffaċilitar tal-iggruppar ta' proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija għall-fini tal-kondiviżjoni tal-kostijiet	
1. Il-promoturi tal-proġetti jistgħu jiggruppaw żewġ proġetti jew aktar fil-lista tal-Unjoni biex jiffaċilitaw id-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi rilevanti, kif xieraq, u d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tal-Istati Membri jew bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri	

u l-pajjiżi terzi, kif xieraq.

2. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-promoturi tal-proġetti jippreżentaw proposta għal pakkett wieħed jew aktar ta' żewġ proġetti jew aktar fil-lista tal-Unjoni lill-Gruppi rilevanti għad-diskussjoni. Pakkett ta' proġetti jista' jinkludi proġetti fi stadji differenti ta' maturità, dment li l-iggruppar tagħhom ma jdewwimx l-implimentazzjoni tal-aktar proġetti maturi.

3. Wara d-diskussjonijiet fil-Gruppi, il-Kummissjoni tista' titlob lill-ENTSO għall-Elettriku jew lill-ENNOH biex jipprovdi analiżi komuni tal-kostbenefiċċji għall-pakketti proposti ta' żewġ proġetti jew aktar fil-lista tal-Unjoni. L-analiżi komuni tal-kostbenefiċċji għandha tkun konsistenti max-xenarju ċentrali u mas-sensittivitajiet imsemmija fl-Artikolu 11, u mal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 15. L-ENTSO għall-Elettriku jew l-ENNOH għandu jipprovdi l-analiżi komuni tal-kostbenefiċċji fi żmien xahrejn mit-talba lill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri rilevanti, bl-involviment tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għandhom jikkonkludu dwar il-pakkett ta' proġetti u, fejn xieraq, jistiednu lill-promoturi tal-proġetti biex iżidu proġetti mal-pakkett jew ineħħu proġetti mill-pakkett, jekk dan jiffaċilita d-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet, dment li l-għadd ta' proġetti fil-lista tal-Unjoni inklużi fil-pakkett jibqa' maniġġabbli.

5. L-Istati Membri rilevanti jistgħu jiddeċiedu li japprovaw il-pakketti u jistiednu lill-promoturi tal-proġetti jippreżentaw talba konġunta għal investiment skont l-Artikolu 17(4). Dik id-deċiżjoni għandha tiġi kondiviża mal-Gruppi rilevanti u mal-Kummissjoni. Għall-fini tal-Artikolu 17(4), fit-talba għal investiment għandhom jiġu inklużi biss analiżi aġġornata tal-kostbenefiċċji

waħda u proposta għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet waħda, bl-għan li tiġi ffaċilitata applikazzjoni possibbli għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni skont l-Artikolu 21.

Or. en

Emenda 1086
Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Christophe Bay

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	imħassar

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu janalizzaw u jiddeċiedu dwar proġetti individwali.

Emenda 1087
Virgil-Daniel Popescu, Christian Ehler, Ioan-Rareş Bogdan, Iuliu Winkler, Gheorghe Falcă, Eva Maydell, Mircea-Gheorghe Hava, Dan-Ştefan Motreanu, Siegfried Mureşan, Radan Kanev, Daniel Buda, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iffaċilitar tal-iggruppar ta' proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija għall-fini tal-kondiviżjoni tal-kostijiet	Iffaċilitar tal-iggruppar ta' proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija għall-fini tal-kondiviżjoni tal-kostijiet ***u tal-ħruġ tal-permessi***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iggruppar għandu jiffaċilita t-twettiq integrat tal-proġetti, inkluża l-koordinazzjoni tal-ħruġ tal-permessi, sabiex jitnaqqas id-dewmien fl-implimentazzjoni u jittejjeb l-ippjanar tal-infrastruttura transfruntiera.

Emenda 1088
Christian Ehler, Andrea Wechsler

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-promoturi tal-proġetti jistgħu jiggruppaw żewġ proġetti jew aktar fil-lista tal-Unjoni biex jiffaċilitaw id-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi rilevanti, kif xieraq, u d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tal-Istati Membri jew bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, kif xieraq.	1. Il-promoturi tal-proġetti jistgħu jiggruppaw żewġ proġetti jew aktar fil-lista tal-Unjoni biex jiffaċilitaw id-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi rilevanti, kif xieraq, u d-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati tal-Istati Membri jew bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, kif xieraq. ***Fir-rigward tal-iggruppar ta' proġetti, l-analiżi tal-kostbenefiċċji u l-proposti dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet jistgħu jiġu vvalutati għal kull iggruppar fi proċess reġjonali xieraq fost l-Istati Membri rilevanti, l-awtoritajiet regolatorji tagħhom u bl-involviment tat-TSOs rilevanti, bħala bażi għad-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tal-iggruppar.***

Or. en

Emenda 1089
András Gyürk, Jorge Martín Frías, Aleksandar Nikolic, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Ewa Zajączkowska-Hernik

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
